MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru. 48/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**OMISSIS**

**U**

**ALEXANDRA DALMAS**

**(ID: 31768M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **OMISSIS** u **ALEXANDRA DALMAS** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 31768(M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar is-27 ta' Lulju 2011 bejn is-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm) u l-ghaxra u kwart ta' filghaxija (10.15pm):

1. Mill-fond nru. 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, inkluz flus kontanti, apparat elettroniku, dokumenti w oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-detriment tal-koppja Robert u Dawn, konjugi Marsh u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-iktar f'aperturi, kemm ta' barra kif ukoll ta' gewwa, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Robert u Dawn, konjugi Marsh u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

3. Mill-fond Villa Valentina, Triq il-Gojjin, Mellieha, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, inkluz flus kontanti u apparat elettroniku,

liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-detriment tal-familja Parry u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

OMISSIS

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputata li gie mmarkat bhala Dok. JM 2, fedina penali li giet immarkata bhala Dok. JM 4, stqarrija tal-imputata li giet immarkata bhala Dok. JM 6, dikjarazzjoni ta’ rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali li gie mmarkat bhala Dok. JM 7 u l-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 12 ta’ Gunju 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja li gie mmarkat bhala Dok. JM 8.

Rat illi fl-ezami li sar lill-imputata ai termini tal-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar is-27 ta’ Gunju 2012 (fol. 38) l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi deciz minn din il-Qorti fil-komptenza taghha fuq riferita.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni temporanju tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April 2014 liema digriet sar permanenti nhar l-20 ta’ Novembru 2014.

**PS 419 Anton Buttigieg** xehed fis-27 ta’ Gunju, 2012 fejn iddikjara li fis-27 ta’ Lulju 2011 ghal habta tal-ghaxra neqsin ghaxra (9:50) kien qieghed xoghol l-ghassa tal-Qawra fejn cempillu certu Alfred Borg fejn infurmah li

huwa kien jiehu hsieb villa gewwa Santa Maria Estate bl-indirizz ta' 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u ghal habta tal-ghaxra neqsin tlettax-il minuta (9:47) huwa kien ircieva telefonata rekordjata fuq il-mobile tieghu fejn kien infurmat li kienet qed issir serqa gewwa l-imsemmija villa li jiehu hsieb.

Ix-xhud mar fuq il-post u minn stharrig li ghamel irrizulta li l-persjana tat-tieqa tal-kamra tas-sodda ta' l-*ispare bedroom* kienet maqlugha u kien hemm it-tieqa mkissra fejn minn go din il-villa kienu nsterqu certu affarijiet. Minn go din il-villa kienu gew misruqin iPod, kamera, mija u ghoxrin lira sterlina (£120) fi flus kontanti u xi dokumenti bhal passaport.

Huwa fuq il-post kien kellem lil Alfred Borg ghax dak il-hin in-nies barranin ma kienux fuq il-post. Huwa filfatt kien kellimhom wara fejn ikkonfermawlu l-affarijiet li kienu misruqin. Dawn huma Robert Marsh u Don Marsh mill-Irlanda ta' Fuq li kienu qeghdin jghixu fil-villa bhala vaganza. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. AB1.

Sakemm kien qieghed fuq il-post gie nfurmat mill-ghassa tal-Qawra li kien dahal rapport ta' serqa ohra gewwa Villa Valentina, Triq il-Gojjin, Mellieha. Huwa mar fuq il-post fejn kien kellem lil certu Robert Michael Parry li kien qieghed vaganza hawn Malta joqghod go din il-villa flimkien ma' zewg (2) uliedu. Dan stqarr illi huma kienu hargu mill-imsemmija villa ghal habta tat-tmienja neqsin ghaxra (8:50) fejn kien halla t-tieqa tal-kamra tal-banju kif ukoll it-tieqa tal-kcina maghluqin pero' mhux imsakkrin u meta rritornaw lura ghal habta tal-ghaxra (10:00) huma kienu sabu t-tieqa tal-kamra tal-banju miftuha u taqlib kullimkien. Hemmhekk huwa rrapporta wkoll illi

kienu nsterqulu diversi affarijiet fosthom laptop, mija u hamsin lira sterlina (£150), laptop iehor, zewg laptops, xi fwieha, mobile phone, PSP, xi hwejjeg, zewg pari zraben, trainers u xi loghob tal-PSP. Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport bin-numru 9/V/3619/2011 li gie mmarkat bhala Dok. AB2.

Mistoqsi jekk PC 1571 u PC 688 hadux sehem f'xi nvestigazzjoni wiegeb li dawk marru mieghu u wiehed minnhom thalla *fixed point* sakemm ix-xhud mar fuq il-villa l-ohra. Huma m'ghamlu l-ebda nvestigazzjoni dwar dan.

**Ewfrasia Borg** xehdet fis-27 ta' Gunju 2012 fejn iddikjarat li hija taf lis-sidien tal-villa 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha li huma ta' nazzjonalita' Ingliza u jghixu l-Ingilterra pero' jigu f'din il-villa b'mod frekwenti. Hija spjegat li meta' ma jkunux hemm gieli jibghatu xi hbieb taghhom fejn taghtihom ic-cavetta hi jew ikunu tawhielhom huma stess. Fil-villa hemm l-*alarm* imqabbda mal-mobile taghha u jekk iddoqq l-alarm, iddoqq fuq il-mobile taghha. Filfatt dakinhar tas-27 kien daqqilha l-alarm wara l-ghaxra ta' filghaxija u nizlu. L-ewwel li nizel kien ir-ragel taghha Alfred Borg.

Meta' marru fil-villa spjegat li ma kien hemm hadd, huma daru dawra u sabu bieb minn wara mkisser, il-*louvers* imkissrin u hgiega mkissra. Wara r-ragel taghha cempel lill-pulizija u gew u qaghdu jistennew mal-pulizija n-nies li kienu jghixu hemm gejjin ghax kienu hargu. Meta' gew in-nies qalulhom x'kien hemm nieqes. Hija ma tiftakarx x'jisimhom pero' taf li kienu mara u ragel ta' nazzjonalita' Ingliza u huma hbieb tas-sidien.

Ix-xhud spjegat li kienu cemplu lis-sid filghodu u sadanittant gew tal-fingerprints u qabbdu wiehed biex jiranga l-hgiega u l-*louvers*. Hija ma tafx kemm gie jammonta l-hsara. Ix-xhud taf li kien hemm affarijiet prezzjuzi, fosthom *ipod* u kellhom *hand luggage* ezatt mal-bieb fuq siggu. L-*ipod* kellu miktub JX fuqu u fid-dinja hawn xi hamsa bhalu, kien tahulhom il-boss tar-ragel bhala rigal. Hija tahseb ukoll li kellhom il-passaporti.

Mistoqsija kemm ilha tiehu hsieb din il-villa wiegbet li ilha tletin sena. Mistoqsija jekk ghandhiex konnessjoni ma' Joseph Cini jew Alexandra Dalmas wiegbet illi le. Mitluba tara fl-awla jekk tafhomx jew taghrafx lil xi hadd wiegbet illi le.

**Alfred Borg** xehed fis-27 ta' Gunju, 2012 fejn iddikjara li fis-27 ta' Lulju tas-sena ta' qabel huwa kien daqqlu l-*alarm* fil-*mobile* dwar villa li tinsab 142, Triq Ghajn Zejtuna, il-Mellieha u ghalhekk nizel il-villa u sab li kien dahal xi injot fiha. Huwa cempel lill-pulizija. Spjega li huwa dar dawra mal-villa biex jara x'gara u fuq in-naha ta' wara sab il-*louvers* imkissrin u miftuha u l-hgiega t'isfel imkissra u kien hemm gebla fuq il-post.

Mistoqsi min kien sewwa l-hsara wiegeb illi kien hu li sewwiha. Huwa kien nefaq xi sebghin ewro (€70) biex sewwa l-hsara. Huwa ma sabx taqlib fid-dar. Huwa kompla jghid rigward hsara li jekk izzid il-hgiega l-kont jaqbez il-mija u hamsin ewro (€150). Huwa stqarr illi m'ghandux ircevuti tal-ispejjes li kellu. Is-sid jismu John Arkel u kien hallsu tal-ispejjez li kellu tad-dar.

**PS 465 Daniel Abela** xehed fil-5 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li fuq inkarigu moghti lilu mill-Ispettur Therese Sciberras huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. DAF1. Huwa esebixxa wkoll relazzjoni ohra li giet immarkata bhala Dok. DAF2. Ix-xhud kien eleva sigarett minn lok u sigarett minn lok iehor.

**Dr Marisa Cassar** xehdet fil-5 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjarat li nhar is-6 ta' Ottubru, PS 465 kien ghaddielha zewg sigaretti dwar serqa mill-fond Triq Mellieha. Hija esebiet ir-rapport u r-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. MCP1 u r-relazzjoni l-ohra li giet immarkata bhala Dok. MCP2. Jinghad li minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li mill-kampjuni li gew mghoddija lilha minn PS 465 Daniel Ablea hareg profil ta' ragel.

**Robert Michael Parry** xehed bil-lingwa Ingliza fit-12 ta' April 2013 fejn iddikjara li xi sentejn qabel kienet l-ahhar gurnata tal-vaganza tieghu maz-zewg uliedu subien u filghaxija marru jieklu mal-girien taghhom. Huma damu xi saghtejn u meta' marru lura t-tfal tieghu Joshua u Aaron grew fuq quddiem u gew lura jghidulu li hemm xi haga hazina. Ghalhekk ix-xhud gera lejn il-flat fejn sab it-tieqa miftuha u kien hemm herba. Mistoqsi jghid l-indirizz tal-villa wiegeb li ma jiftakarx ghalkemm jaf li tinsab lejn Santa Maria Estate.

Mistoqsi x'sab nieqes dakinhar wiegeb illi kien hemm il-*laptop* tieghu ghax ghandu x-xoghol tieghu fuqu, il-laptop tat-tifel tieghu li kien fih hafna loghob, kif ukoll it-*trainers* u affarijiet hekk. Il-valur tal-affarijiet misruqa kien bejn wiehed u iehor elf u hames mitt lira sterlina (£1,500) jew elfejn lira sterlina (£2,000). Mistoqsi jekk kienx inxurjat wiegeb illi iva kien izda

ma gabarx flusu kollha ghax tal-assigurazzjoni jhallsu parti mill-ammont mitlub.

Huwa spjega li l-hallelin dahlu mit-tieqa tal-kcina u ma jiftakarx jekk din it-tieqa kienetx thalliet miftuha. Huwa flimkien maz-zewg uliedu damu f'din il-*villa* ghal perjodu ta' gimghatejn. Ma kienx hemm sefturi dehlin fil-*villa* f'dan il-perjodu. L-unika persuna li setghet tidhol kien is-sid Jesmond Bonanno. Mistoqsi jhares fl-awla biex jara jekk jafx lil xi hadd wiegeb li ma jaf lil hadd.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn qal li kien lejn l-ahhar ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011).

**Therese Sciberras** xehdet fit-12 ta' April 2013 fejn giet murija Dok. AB 1 li jinsab a fol 43 u qalet li dan huwa Pirs Report li ghandu n-numru 9/V/3620/2011. Dan jirrigwarda rapport li sar rigward serqa minn 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u kien sar minn certu Alfred Borg. Hija ddikjarat li dak iz-zmien hija kienet spettur stazzjonata l-Ghassa l-Qawra *covering* Mellieha u kienet giet infurmata bil-kaz. Hija kienet harget xi struzzjonijiet rigward l-investigazzjoni u sussegwentament kienet ordnat lill-Pulizija tas-*Scene of Crime Officers* biex jaccedu fuq il-post u jirrelataw dwar dak li jkunu sabu rigward din is-serqa.

Ix-xhud giet murija wkoll Dokument a fol 49 Dok. AB2 li huwa Pirs bin-numru 9/V/3619/2011 u dan rigward serqa minn Villa Valentina, Triq il-Gojjin, Mellieha. Din il-gurnata meta kien sar ir-rapport hija wkoll kienet l-

Ispettur tal-Ghassa tal-Qawra *covering* Mellieha fejn hemmhekk kien gie rrapportat li kienet saret serqa ta' ammont ta' affarijiet minn certu Robert Michael Parry u hija kienet harget struzzjonijiet ukoll lis-*Scene of Crime Officers* biex jaghmlu xi xoghol bhala *Police Investigation purposes.*

Sussegwentement tiftakar li wahda minn dawn is-serqiet kienu nstabu xi affarijiet minnhom go Villa ohra f'Santa Marija Estate, il-Mellieha fejn kienu tressqu l-akkuzati fejn hemmhekk kienet saret ukoll Inkjesta rigward l-affarijiet li nstabu u kienu nhatru ammont ta' esperti rigward dawn l-affarjiet li kienu nstabu li kienu nsterqu originarjament minn wahda minn dawn il-Vilel.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro-ezami fejn ghamlet referenza ghar-rapport bin-numru 9/V/3620/2011 li huwa mmarkat bhala Dok. AB1 u jinsab a fol 43 fejn qieghed indikat li r-rapport sar fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju, 2011. Issa spjegat illi r-rapport li huwa ndikat bhala Dok. AB2 a fol 49 li ghandu n-numru tar-rapport 9/V/3619/2011 qieghed immarkat ukoll li sar fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju, 2011 ukoll.

**PS 94 Jack Farrugia** xehed fit-12 ta' April 2013 fejn gie mistoqsi x'inhu d-dokument a fol 35 u huwa wiegeb li dan id-dokument li huwa mmarkat bhala Dok. JM 7 fih dikjarazzjoni fejn kien inghata d-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat jew prokuratur legali lil Alexandra Dalmas. Huwa gharaf lil Alexandra Dalmas prezenti fl-awla. Hija kienet ghazlet li tirrinunzja minn dan id-dritt. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu hawnhekk. Id-dritt kien inghata fil-hamsa (5) ta' Gunju, elfejn u tnax (2012) f'nofsinhar neqsin kwart (11:45).

**PS 180 Fabian Aquilina** xehed fit-12 ta' April 2013 fejn gie muri Dok. JM6 li jinsab a fol 31 tal-Process u qal li hija Stqarrija ta' Alexandra Dalmas. Din ittiehdet fil-hamsa (5) ta' Gunju. Ix-xhud spjega li qabel ma ttiehdet l-Istqarrija u qabel ma bdiet l-investigazzjoni hija nghatat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla taghha. Hija ghazlet li ma tikkonsultax ma' Avukat u giet iffirmata dikjarazzjoni li qed jaghraf a fol 35 tal-process u mmarkata bhala Dok. JM7. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, ta' PS 94, Sandra Dalmas u l-Ispettur Mercieca. Huwa tenna li lil Sandra Dalmas hadha wkoll tara z-zewg (2) Vilel jigifieri 142, ta' Ghajn Zejtuna, il-Mellieha kif ukoll Villa Valentina, Triq il-Gojjin. Rigward l-ewwel (1) wahda jigifieri Triq Ghajn Zejtuna huwa staqsiha wkoll jekk qattx dahlet fiha u qalet li jista' jkun li dahlet fiha peress li kienet tikri l-Vilel. Rigward il-villa ta' Triq il-Gojjin qalet li qatt ma dahlet go fiha ghax lanqas biss kienet taf biha dik il-Villa. Sussegwentement ittiehdet Stqarrija fejn Sandra Dalmas regghet inghatat it-twissija, ghazlet li twiegeb ghad-domandi li sarulha kif ukoll ghazlet li tiffirma l-Istqarrija ta' erba' (4) faccati. Huwa gharaf il-firem tieghu tal-Ispettur u ta' Sandra Dalmas fuq l-erba' (4) faccati tal-Istqarrija u qieghed jaghraf lil Alexandra Dalmas prezenti fl-Awla. Huwa kkonferma li l-imputata nghatat it-twissija skond il-ligi.

**Joshua Robert Parry** xehed bil-lingwa Ingliza fit-12 ta' April 2013 fejn qal illi ghandu dsatax-il sena. Mistoqsi x'gara dakinhar tal-incident tas-27 ta' Lulju, 2011 wiegeb illi dakinhar kienu hargu jieklu bhala familja u meta gew lura, huwa u huh izghar minnu Aaron kienu l-ewwel li dahlu. Illum Aaron jinsab l-Ingilterra jghix ma' ommu. Hekk kif dahlu fil-flat innutaw li l-*aftershave* kien nieqes. Huh induna li l-basket tieghu kien nieqes u mbaghad dahal missieru u bdew jindunaw li kien hemm hafna affarijiet ohra neqsin. Huwa

ma jiftakarx fi x’hin ezatt hargu u gew lura pero’ jiftakar li meta hargu kienet ghadha x-xemx u meta rritornaw kien beda jidlam.

Ix-xhud stqarr illi ma jafx kif dahlu gewwa. Huwa jaf li l-bieb ta’ barra kien imsakkar ghax huwa fethu bic-cavetta biex dahal. Ix-xhud ma jafx kemm jiswew l-affarijiet personali tieghu li nsterqulu pero’ jghid li kienu xi sitt mitt lira Sterlina (£600). L-affarijiet personali tieghu kienu jikkonsistu fi fwieha, *console* tal-loghob b’xi ftit loghob u l-laptop. Mistoqsi jekk hax xi haga minnhom lura wiegeb illi le ma ha xejn lura. Mistoqsi meta’ ghamlu r-rapport ghand il-Pulizija wiegeb li kien dakinhar stess filghaxija. Huwa jiftakar li kienu cemplu lill-Pulizija minn fuq il-post u kienu gew huma l-appartament. Mistoqsi jiftakarx meta’ gara l-kaz wiegeb li kien ghall-ahhar ta’ Lulju 2011.

**PS 1392 Kevin Buhagiar** xehed fil-15 ta’ Lulju 2013 fejn iddikjara li fit-28 ta' Lulju 2011 gie rikjest mill-ex Spettura Therese Sciberras sabiex jaccedi gewwa zewg postijiet fil-Mellieha u wiehed minnhom huwa 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u l-iehor hija ‘Villa Valentina’, Triq il-Gojjien, Mellieha. Huwa kien inkarigat biex jiehu x-xoghol tar-ritratti u ghaldaqstant esebixxa zewg faxxikoli fotografici separati tal-postijiet li gew immarkati bhala Dok. KB 1 u l-iehor bhala Dok. KB 2. Huwa ddikjara li Dok. KB 1 jirrelata fuq id-dar numru 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u Dok. KB 2 jirrelata dwar Villa Valentina ta’ Triq il-Gojjien, Mellieha.

L-**imputata Alexandra Dalmas** ma xehditx f’dawn il-proceduri kif kellha kul dritt taghmel pero’ rrilaxxjat stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol 31 immarkata bhala Dok JM6. Tghid li hija kienet tiggestixxi l-kumpanija

maghrufa bl-isem Kleigha Investments li tiehu hsieb real estates. Mistoqsija jekk kellha xi tghid xi haga dwar iz-zewg vilel li gew murija lilha ftit qabel ma rrilaxjat l-istqarrija in kwistjoni tghid li l-villa Valentina lanqas biss kienet taf li tezisti pero’ dwar l-ohra ta’ Triq Ghajn Zejtuna tghid li jista’ jkun li kienet registrata maghhom ghal kiri jew ghal biegh izda bl-amment ma tiftakarx. Tghid pero’ li zgur li ma dahlitx tisraq la minn whada u lanqas minn l-ohra. Mistoqsija jekk jistax jaghti l-kaz illi f’dawn iz-zewg villel jinstabu xi finger prints taghha jew DNA tghid li mhux suppost salv jekk ma baghbasx xi haga l-Pele jew ahjar Joseph Cini.

Mistoqsija tispjega x’kellha xi tghid li fil-villa 200, Miramare, Triq il-Hena, Mellieha nstabu oggetti li kienu gew misruqa mill-villa numru 142, Ghajn Zejtuna Mellieha tghid li ma tistax taghti spjegazzjoni. Mistoqsija kif gewwa din l-villa kien hemm il-fingerprints taghha tghid li f’din il-villa kienet dahlet ghaliex l-ex partner taghha, Joseph Cini kien qallha li din il-villa kienet ta’ habiba taz-zija tieghu. Mistoqsija x’sar minn l-oggetti li nsterqu miz-zewg vilel fuq indikati tghid li ma tafx u li ghandha m’humiex zgur u li qatt ma rathom. Mistoqsija x’kellha x’taqsam maz-zewg serqiet fuq indikati tghid li ma kellha x’taqsam xejn u li proprjeta’ l-Mellieha ma kellhiex.

Ikkunsidrat

Illi f’din il-kawza l-imputata kienet originarjament tressqet il-Qorti u giet akkuzata flimkien ma’ Joseph Cini pero’ gara li sussegwentement u cioe’

fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 2014 il-Prosekuzzjoni kienet talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-imputata odjerna u din il-Qorti kienet laqghet it-talba u li huwa ghalhekk li din is-sentenza li ser tinghata llum ser tinghata biss fil-konfront ta’ l-imputata odjerna.

Illi dan inghad ghaliex din il-Qorti b’mod konxju ma ghamlet l-ebda referenza ghal dak li qal Joseph Cini fl-istqarrija tieghu fil-konfront tal-imputata u dan ghaliex ghalkemm m’ghandux ko-akkuzat maghha xorta x-xhieda tieghu mhix ammissibli bhala prova fil-konfront tal-imputata. Jinghad kif tajjeb gie osservat ukoll fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saada Sammut** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta’ Novembru 2006 li stqarrija ma tistax tittiehed bhala xhieda hlief kontra l-persuna li jaghmilha u ma tistax tkun ta’ pregudizzju kontra persuna ohra. Jinghad ulterjorment minn din il-Qorti li lanqas f’kaz li tali stqarrija korroborata ma’ xi prova ohra ma tista tittiehed in konsiderazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet legali:**

Issa hu principju elementari ta' dritt ta' procedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkuzat sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova ta' favur w inqas kontra ko-akkuzat iehor. Dan il-principju jitnizzel kemm mill-**Artikolu 661 tal-Kap 9** kif ukoll mill-**Artikolu 636(b)** tal-imsemmi Kodici. Infatti l-gursiprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita’ tax-xhieda tal-ko-akkuzat kemm-il darba l-kaz tieghu ma jkunx gie definittivament konkluz [ara *inter alia* **R v Carmelo Cutajar et altri** **-** deciza 18.01.1927 - Vol XXVI iv. 758; **Il-Pulizija v Toni Pisani** - deciza 11/11/1944 - Vol XXXII iv. 792, **R v Karmnu Vella** ***- deciza*** 03.12.1947 - Vol

XXXIII iv. 547; **Il-Pulizija v Alfred Luck et** *- **deciza*** 25/04/1949 - Vol XXXIII iv. 870; **Il-Pulizija v Nicholas Grima** ***- deciza*** 31/05/1958 - XLII iv. 1393 u dik ricenti **Il-Pulizija v Carmelo Camilleri et** deciza nhar il-hdax ta' Lulju 1997 ilkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali].

Jinghad ukoll fis-sentenza appena citata fl-ismijiet **il-Pulizija vs Saada Sammut** li *"Il-posizzjoni korretta hija li jghidu x'jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputati jew ko-akkuzati ohra. Din ir-regola giet sahansitra interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anke tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati (kif inhu il-kaz illum) lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Hu biss hawn li mbaghad tiskatta r-regola procedurali kontenuta fl-artikolu 639 (3) li d-deposizzjoni tal-komplici wahedha ma tkunx bizzejjed jekk ma tkunx korroborata b'cirkostanza ohra…"*

Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia.** Dik il-Qorti f'dak id-digriet, wara li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza hemm citata rriteniet li persuna li tkun akkuzata kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza meta l-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – sija jekk tkun akkuzata fi procedura separata. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument '*a contrario senso*' li jitnissel mill-**paragafu (b) tal-Artikolu 636** tal-Kodici

Kriminali. Konsegwentament dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat ma hux kompetenti li jixhed qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat (ara wkoll f'dan is-sens id-digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Brian Vella** deciz fl-4 ta' Frar 2004).

F'dan ir-rigward ukoll din il-Qorti qed taghmel referenza ghal sentenza aktar ricenti moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnejn ta' Frar, 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Naser Eshlewi Ben Haj et** u thoss bir-rispett kollu li l-fatti specie ta' dak il-kaz japplikaw *in toto* ghal kaz in ezami.

F'dik il-kawza appena msemmija l-Qorti kienet rinfaccjata bi stqarrija ta' ko-akkuzat u mhux xhieda ta' komplici u ghalhekk f'dik is-sentenza kien japplika l-principju ta' dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu jghodd biss ghal dak li jkun qed jirrilaxxja l-istqarrija u dak li jghid ma jikkostitwixxi l-ebda prova fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor.

Dan kollu inghad sabiex il-Qorti ssahhah it-tezi taghha il-ghaliex ma ghamlet l-ebda referenza ghal dak li qal Joseph Cini fl-istqarrija tieghu f'din l-istess kawza u ghalhekk qieghda tiskarta l-istess fit-totalita' taghha.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fir-rigward tal-imputata odjerna u ghalhekk m' ghandhiex triq ohra salv li tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 261 (b) (c) (e) u (f), 278 (c), 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputata ALEXANDRA DALMAS hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni ta' htija u piena.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------